MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 345/2013

**Bartoli Brothers Limtied**

**(C 16827)**

**vs**

**Edgar Brincat (ID 212945M) f'ismu proprju y ghan-nom u in rappresentanza ta' Fusion Four (P 1036)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Ottubru 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom ta' Fusion Four ihallasha s-somma ta' hamest

elef, tmien mija u tnejn u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€5,832.48) rapprezentanti bilanc ta' oggetti ossija 'foodstuffs' mibjugha u kkonsenjati lill-intimat ai termini ta' ftehim kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimati permezz ta' affissjoni gewwa l-Ghassa San Giljan, il-Kunsill Lokali San Giljan u l-indirizz ta' l-intimat fl-14 ta' April 2014 (fol 14 tergo), fil-Gazzetta tal-Gvern fit 2 ta' Mejju 2014 (fol 17) u f'gazzetta lokali fis-7 ta' Mejju 2014 (fol 19).

Illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 21).

Rat illi fis-seduta tas-19 ta' Mejju 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, tmien mija**

**u tnejn u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€5,832.48) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------